

Il-Ġurnal Uffiċjali L 413

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

8 ta' Diċembru 2020

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2000 tas-27 ta' Novembru 2020 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles u tal-protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu (2020-2026)** 1

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2001 tal-4 ta' Diċembru 2020 li taħtar żewġ membri, proposti mir-Repubblika Portugiża, fil-Kumitat tar-Reġjuni** 4

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/2000

tas-27 ta' Novembru 2020

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles u l-protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu (2020-2026)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/272 ⁽²⁾, il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles (il-"Ftehim ta' Sħubija") u l-protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu (il-"Protokoll") ġew iffirmati fl-24 ta' Frar 2020 soġġetti għall-konklużjoni tagħhom f'data aktar tard.
- (2) Il-Ftehim ta' Sħubija jħassar il-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles ⁽³⁾, li daħal fis-seħħ fit-2 ta' Novembru 2007 għal perijodu ta' sitt snin u li ġġedded b'mod taċitu, u li għalhekk għadu fis-seħħ.
- (3) L-aktar protokoll reċenti li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles ⁽⁴⁾ ġie iffirmat fit-18 ta' Diċembru 2013 u ġie applikat provviżorjament mit-18 ta' Jannar 2014. Huwa ntemm fis-17 ta' Jannar 2020.
- (4) L-għan tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-Unjoni u lir-Repubblika tas-Seychelles ("Seychelles") jaħdmu flimkien aktar mill-qrib biex ikompli jippromwovu l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli, u li jippermetti l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tas-Seychelles u fl-Oċean Indjan, filwaqt li jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol fis-settur tas-sajd.
- (5) Jenħtieġ li l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll jiġu approvati.
- (6) L-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Sħubija jipprevedi l-istabbiliment ta' Kumitat Konġunt li għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll. Barra minn hekk, il-Kumitat Konġunt jista' japprova ċerti emendi tal-Protokoll. Sabiex teħfief l-approvazzjoni ta' tali modifiki, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun awtorizzata, soġġetta għal kondizzjonijiet sostantivi u proċedurali, li tapprovahom f'isem l-Unjoni skont proċedura simplifikata.

⁽¹⁾ Approvazzjoni tal-11 ta' Novembru 2020 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/272 tal-20 ta' Frar 2020 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles u l-protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu (2020-2026) (ĠU L 60, 28.2.2020, p. 3).

⁽³⁾ ĠU L 290, 20.10.2006, p. 2.

⁽⁴⁾ Protokoll li jstabbilixxi l-oportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles (ĠU L 4, 9.1.2014, p. 3).

- (7) Jenħtieġ li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar il-modifiki proposti għall-Protokoll. Jenħtieġ li l-modifiki proposti jiġu approvati dment li minoranza ta' Stati Membri li timblokka skont l-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ma toġġezzjonax għal dawk il-modifiki.
- (8) Jenħtieġ li l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll jidħlu fis-seħħ malajr kemm jista' jkun minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tas-Seychelles u l-ħtieġa li titnaqqas kemm jista' jkun l-interruzzjoni ta' tali attivitajiet,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles (il-"Ftehim ta' Sħubija") u l-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles (2020-2026) (il-"Protokoll") huma b'dan approvati fisem l-Unjoni ^(*).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 19 tal-Ftehim ta' Sħubija u n-notifika prevista fl-Artikolu 17 tal-Protokoll.

Artikolu 3

Skont il-proċedura u l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tapprova, fisem l-Unjoni, il-modifiki għall-Protokoll adottati mill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Sħubija.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

(*) It-testi tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll ġew ippubblikati fil-ĠU L 60, 28.2.2020, p. 5.

"ANNEX

**PROĊEDURA U KONDIZZJONIJET GĦALL-APPROVAZZJONI TA' MODIFIKI GĦALL-PROTOKOLL LI
GĦANDU JIĠI ADOTTAT MILL-KUMITAT KONĠUNT**

Meta l-Kumitat Konġunt jintalab jadotta modifiki għall-Protokoll skont l-Artikolu 12(3) tal-Ftehim ta' Sħubija, u skont l-Artikolu 6 tal-Protokoll, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tapprova l-modifiki proposti fisem l-Unjoni bil-kundizzjonijiet li ġejjin.

- (1) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-approvazzjoni fisem l-Unjoni:
 - (a) tkun konformi mal-oġettivi tal-politika komuni tas-sajd;
 - (b) tkun kompatibbli mar-regoli rilevanti adottati mill-organizzazzjonijiet reġionali għall-ġestjoni tas-sajd u tkun tqis il-ġestjoni konġunta min-naħa tal-Istati kostali;
 - (c) tkun tqis l-aħħar informazzjoni statistika, bijoloġika u ta' tip ieħor rilevanti mibgħuta lill-Kummissjoni.
- (2) Qabel ma tapprova l-modifiki proposti fisem l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħathom lill-Kunsill biżżejjed żmien qabel il-laqgħa rilevanti tal-Kumitat Konġunt.
- (3) Il-Kunsill għandu jivvaluta l-konformità tal-modifiki proposti mal-kriterji stabbiliti fil-punt 1.
- (4) Il-Kummissjoni għandha tapprova l-modifiki proposti fisem l-Unjoni, dment li għadd ta' Stati Membri li jkun daqs minoranza li timblokka lill-Kunsill, skont l-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ma joġġezzjonawx għalihom. F'każ li jkun hemm it-tali minoranza li timblokka, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta l-modifiki proposti fisem l-Unjoni.
- (5) Jekk, matul laqgħat ulterjuri tal-Kumitat Konġunt, ikun impossibbli li jintlaħaq ftehim, inkluż fuq il-post, il-kwistjoni għandha terġa' tintbagħat lill-Kunsill, skont il-proċedura stabbilita fil-punti 2 sa 4, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tkun tista' tqis elementi ġodda.
- (6) Il-Kummissjoni hija mistiedna tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa, fiż-żmien dovut, biex tiżgura s-segwitu tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, inkluż, meta dan ikun xieraq, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u t-tressiq ta' kull proposta meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

Fir-rigward ta' kwistjonijiet oħrajn li ma jikkonċernawx modifiki għall-Protokoll skont l-Artikolu 12(3) tal-Ftehim ta' Sħubija u skont l-Artikolu 6 tal-Protokoll, il-pożizzjoni li l-Unjoni għandha tiegħu fil-Kumitat Konġunt għandha tiġi stabbilita skont it-Trattati u skont il-prattiki ta' ħidma stabbiliti."

DEĊIŻJONIJIET

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/2001

tal-4 ta' Diċembru 2020

li taħtar żewġ membri, proposti mir-Repubblika Portugiża, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Portugiż,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Diċembru 2019, fl-20 ta' Jannar 2020, fit-3 ta' Frar 2020 u fis-26 ta' Marzu 2020 il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2019/2157 ⁽¹⁾, (UE) 2020/102 ⁽²⁾, (UE) 2020/144 ⁽³⁾ u (UE) 2020/511 ⁽⁴⁾ li jahtaru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-8 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/766 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 ⁽⁵⁾. Fit-30 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta wkoll id-Deċiżjoni (UE) 2020/1153 li taħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽⁶⁾.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sa Cristina de Fátima SILVA CALISTO, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan ġie propost Mr Vasco Ilídio ALVES CORDEIRO (Member of a Regional Executive: *Governo Regional dos Açores*),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

— Mr José Manuel Cabral Dias BOLIEIRO, Member of a Regional Executive: *President of the Regional Government of Azores*,

— Mr Vasco Ilídio Alves CORDEIRO, Member of a Regional Assembly: *Regional Parliament of Azores* (bidla tal-mandat).

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/144 tat-3 ta' Frar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 32, 4.2.2020, p. 16).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/511 tas-26 ta' Marzu 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 113, 8.4.2020, p. 18).

⁽⁵⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/766 tat-8 ta' Ġunju 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 187, 12.6.2020, p. 3).

⁽⁶⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1153 tat-30 ta' Lulju 2020 li taħtar membri u membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 256, 5.8.2020, p. 12).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 1-4 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kunsill

Il-President

M. ROTH

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)